Minuti tal-Laqgħa Nru. 22 tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 22 ta' Jannar 2014 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sur. Joseph Camilleri<br>Is-Sinjorina. Christina Sammut<br>Is-Sur. Christian Falzon |
| Skużata | Is-Sinjura Lucia Massa |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Performance Bonus tal-Impjegati tal-Kunsill
5. Kwotazzjonijiet għas servizz tal-Accountant
6. Xogħolijiet
7. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
8. Aġġornament

Is-Sindku informa li l-Kunsilliera Lucia Massa hija assenti minħabba raġunijiet personali.

**1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Il-minuti ġew approvati.

**2.0 PUNTI IMQAJJMA MILL-MINUTI**

2.1 Il-Kunsilliera Sammut semmiet li fuq punt 6.1 l-isqaq li għalih kienet qed tirreferi għalih jinsab faċċata tal-ex Mambra li kellu bżonn li jsirlu resurfacing.

2.2 Il-Kunsillier Falzon semma li fuq punt 4.4 huwa kien ivvota kontra Trischia Falzon peress li fuq dan il-każ kienu saru żvillupi li huwa ma kienx jaf bihom.

2.3 Il-Kunsillier Camilleri semma li r-raġuni li huwa kien qed jagħmel it-talba ta punt 3.14 kienet minħabba li l-vetturi kienu qed jitilgħu fuq il-bankina u għalhekk ikunu ta periklu. Is-Sindku semma fuq dan il-każ li hemm bżonn li titranġa l-bankina u jsiru l-bollards neċessarji.

**3.0 KORRISPONDENZA**

3.1 Is-Sindku semma li bħalissa l-Ambaxxatur tal-Kunsill Lokali tinsab imsiefra u ma setgħetx tattendi għal laqgħa. Huwa ippreżenta email li kienet qed turi dak li ingħad mis-Sindku.

3.2 Is-Sindku ippreżenta email li waslet minn naħa tal-MEPA li kienet qed tirreferi li se jsir seminar li jirrigwarda t-tibdiliet li se jsiru fl-Ippjanar.

3.3 Is-Sindku qara email oħra li waslet mingħand Leon Promotions fuq proposta biex jkun hemm program tal-Karnival għall Ħal Luqa.

3.4 Is-Sindku qara email li waslet minn naħa tal-Energija u l-Ewropa li kienet qed tirreferi għall konferenza li kienet se ssir biex jkun hemm użu effiċjenti tal-enerġija. Fuq tema simili se ssir konferenza bl-isem My Europe li tirrigwarda djalogu maċ-ċittadini.

3.5 Is-Sindku semma li se jkun hemm laqgħa informattiva fejn tidħol freedom of information.

3.6 Is-Sindku informa wkoll li se ssir laqgħa fuq l-epilesija biex tagħti aktar informazzjoni fuq dan is-suġġett.

3.7 Is-Sindku qara email oħra li waslet minn naħa tal-AKL fuq course li jirrigwarda personal developmnet training li kien jinkorpora fih temi differenti tal-iżvillup personali.

3.8 Kien hemm email li kienet qed titlob biex isiru laqgħat mal-Għaqdiet lokali biex minn naħa tal-Ministeru konċernat jsir assessment tal-bżonnijiet tagħhom.

3.9 Il-Kunsilliera Sammut semmiet li qed ikun hemm ħafna skart li qed jintrema fejn l-iskips li hemm ġewwa Ħal Farruġ. Is-Sindku qal li fuq dawn kemm il-darba saru appelli lill-Pulizija. Hija semmiet ukoll fuq l-iskips ta faċċata tal-ground tal-football għax qed ikun hemm ħafna rimi ta skart. Is-Sindku infurmaha li dawn l-iskips tneħħew riċentament u għalhekk inqatgħu l-abbużi. Il-Kunsilliera Sammut issuġġeriet li kieku jsiru parking bays fiż-żona flok fejn kien hemm l-iskips. Is-Sindku irrisponda li peress li din s' issa għadha mingħajr wiċċ trid issir għall ewwel darba mill-Gvern Ċentrali.

3.10 Dwar it-toroq is-Sindku talab lis-Segretarju biex jerġa jibgħat reminder ieħor dwar dawk it-toroq li kienu imweigħda mill-Gvern Ċentrali u li issa jonqos isiru Triq Sebastiano Saliba u Triq Ġużeppi Ellul.

3.11 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm xi linji ħodor fi Triq il-Qasam Sperimentali u tal-madwar bħala residential parking scheme. Is-Sindku semma li dawn it-tip ta skemi tneħħew mill-Ministru tat-Trasport Joe Mizzi. Huwa semma li dawn kienu intalbu billi f din iż-żona hemm diversi vetturi ta mpjegati li jaħdmu fl-akkwati li ħolqu problemi kbar lir-residenti taż-żona. Il-Kunsilliera Sammut saqsiet għalhekk jekk dawn il-linji jistgħux jinżebgħu bojod.

Il-Kunsillier Falzon talab lis-Sindku sabiex jiġi skużat minħabba impennji personali.

3.12 Il-Kunsillier Caruana semma wkoll li huwa innotta l-istat li tinsab fih Triq Wied in-Noqor speċjalment fejn hemm is-saqaf tal-water culvert. Is-Sindku qal li hemhekk diġa saru ħafna tiswijiet fuqu u li bħala Kunsill qed jintalab lill-Gvern Ċentrali sabiex issir it-triq ta din il-parti mill-ġdid. L-istess Kunsillier semma li huwa kien kellem lill-Malcolm peress li dak li qed jokkupa l-art tal wara l-bus shelter kien qed ipoġġi l-qsari fuq il-bus shelter ta periklu għan nies. Is-Sindku appella lis-Segretarju biex jittieħdu passi bil-Pulizija sabiex dawn jitneħħew. Il-Kunsillier Caruana semma wkoll li jeħtieġ li jinqata l-ħaxix li hemm maġenb il-Kappella ta' Ħal Farruġ.

3.13 Il-Kunsillier Caruana semma li fi Triq il-Karmnu kienet tneħħiet U-bar faċċata ta Frankie tal-ħaxix u din issa qed toħloq bottle neck fil-post. Huwa ssuġġerrixa biex jinstab minn ħa l-bollard ħalli din terġa titwaħħal fil-post.

3.14 Il-Kunsillier Camilleri saqsa jekk jistgħux isiru xi parking bays fi Triq San Ġużepp flok dawk li kienu miżbugħin bl-isfar.

3.15 Il-Kunsillier Camilleri semma wkoll li fi Triq Sir Ugo Mifsud saret linja bl-isfar fejn din mhux qed tkun osservata.

3.16 Is-Sindku tkellem fuq l-iskema li kienet imneddija minn naħa tal-Gvern bl isem ta' Ċittadinanza b' Investiment fejn il-Prim Ministru waqt laqgħa tal-kabinett li saret ġewwa is-Sede tal-Imperial Band Club tal-Mellieħa huwa spjega li minn din l-iskema l-Kunsilli Lokali se jkunu qed jibbenefikaw ukoll għax parti mill-fondi li se jkunu qed jidħlu se jmorru għand il-Kunsilli Lokali biex huma jkunu jistgħu jagħmlu ukoll proġetti ġol-lokalitajiet tagħhom. Is-Sindku kompla jaċċerna li fid-dawl tas-sitwazzjoni preżenti fejn il-Kunsilli Lokali kollha mhux qed jirnexxilhom ilaħħqu biżejjed mal-ispejjez u fl-istess ħin ikunu wkoll f' pożizzjoni li jagħmlu proġetti.

3.17 Is-Sindku hawnhekk ressaq din il-proposta ghal qbil tal-Kunsill fejn kienet issekondata mill-Viċi Sindku. Favur din il-proposta kien hemm il-Kunsilliera Sammut u l-Kunsillier Camilleri. Kontra din il-proposta kien hemm il-Kunsillier Caruana.

**4.0 PERFORMANCE BONUS TAL-IMPJEGATI TAL-KUNSILL**

4.1 Hawnhekk is-Sindku talab lis-Segretarju tal-Kunsill biex joħroġ barra mill-kamra ta fejn kienet qed issir il-laqgħa peress li kien se jiġi diskuss ukoll il-peformance bonus tiegħu. Wara li kien hemm diskussjoni huwa sejjaħ lis-Segretarju biex jidħol fejn infurmah li l-Kunsill kien approva l-performance bonus tas-Sinjorina Ingrid Borg u Angie Refalo b vot unanimu u qal ukoll li fuq il-performance bonus tas-Segretarju l-Kunsill ivvota b dan il-mod. Favur kien hemm is-Sindku u l-Viċi Sindku, kontra l-Kunsilliera Sammut u l-Kunsillier Camilleri filwaqt li l-Kunsillier Falzon u Caruana astjenew.

4.2 Is-Sindku talab lill-Kunsilliera Sammut u l-Kunsillier Camilleri biex jagħtu r-raġunijiet tagħhom il-għala huma kienu kontra. Il-Kunsillier Camilleri semma li huwa f dak li kien jitlob waqt il-laqgħa dan ma kienx isir minn naħa tas-Segretarju u li s-Segretarju ma kienx jinfurmah meta jkun hemm xi ħaġa li tolqot lid-dekasteru tiegħu. Il-Kunsilliera Sammut semmiet li darba minhom is-Segretarju naqas li jinfurmaha sabiex tattendi meta kien hemm il-premjazzjoni tal-Iskola u darba oħra kien ħalla ċwievet li ma jaqblux meta kien bil-leave u kellhom isiru l-courses tal-computer.

4.3 Is-Segretarju irrisponda lill-Kunsilliera Sammut li ċ-ċwievet li huwa kien ħalla kienu tajbin għax huwa stess kien użahom biex jiftaħ, imma dakinhar meta ma kienx hemm preżenti għal raġunijiet mhux magħrufa dawn iċ-ċwievet ma qablux.

**5.0 KWOTAZZJONIJIET GĦAS SERVIZZ TAL-ACCOUNTANT**

5.1 Is-Sindku qara l-iktar żewġ offerti li kienu vantaġġjużi bħala prezz għas servizz tal-Accountant fejn l-inqas offerta kienet dik ta Joe Piscopo bir-rata ta € 175 fix-xahar u € 20 extra ta kull siegħa għall affarijiet mitluba oltre dak li talab il-Kunsill Lokali. It-tieni l-orħos offerta kienet dik ta JCA Ltd li fil-passat kienet diġa tagħti servizz lill-Kunsill Lokali.

5.2 Ir-rata li kienet qed toffri JCA Ltd kienet ta € 2,240 fis-sena li tinkludi wkoll xogħol extra ieħor li jista jkun mitlub mill-Kunsill. Is-Segretarju semma li JCA Ltd dejjem taw servizz tajjeb u fil-pront u fil-passat ma kienx hemm problemi fuq kordinament. Il-persuni li jiffurmaw JCA Ltd għandhom esperjenza vasta fix-xogħol u anki għandhom Kunsilli Lokali oħra speċjalment f' Għawdex li jingħataw servizz minhom.

5.3 Fid-dawl taċ-ċirkostanzi imsemmija hawn fuq il-Kunsilliera qablu b' vot unanimu biex jieħdu s-servizz ta JCA Ltd.

**6.0 XOGĦOLIJIET**

6.1 Is-Sindku qal li bħalissa l-Kunsill Lokali għaddej fuq l-akbar biċċtejn xogħolijiet li huma l-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv il-ġdid u dak tal-Family Park f' Ħal Farruġ.

6.2 Fuq l-Uffiċċju Amministrattiv is-Sindku qal li bħalissa diġa tlesta l-lift u qed jiffunzjona. Huwa qal li issa jmiss il-fażi tal-finishing u jsir il-madum. Huwa qal ukoll li sar ukoll ix-xogħol tal-elettriku kważi kollu fil-post.

6.3 Fuq il-Family Park is-Sindku qal li sar meeting bejn il-Periti fuq il-post fejn bħalissa tkompla l-boundary wall fuq barra biex b' hekk jingħalaq kollu. Kien hemm xi pending items fuq il-kontijiet li dawn ġew settled.

6.4 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk il-ħaxix li hemm bħalissa hux se jinqata mill-qiegħ biex dan jinqered. Is-Sindku qal li hemhekk diġa intbagħtu l-ħaddiema bil-grass cutter u irranġa mal-kuntrattur biex dan jġib il-makkinarju għall qtugħ tal-ħaxix. Huwa ikkordina ukoll mal-partijiet kollha li qed jagħmlu x-xogħol biex sal-aħħar t' April ix-xogħol taż-żewġ fażijiet ikun magħluq kollu.

**7.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET**

8.1 Il-Kunsillier Camilleri semma li huwa mhux qed jaqbel mal-pagament lill-Lawrence Cassar peress li stqarr li dan diġa tħallas. Is-Segretarju qal li dan kellu numru ta invoices li kien pendenti u dawn ħarġu f' daqqa. Il-Kunsill xorta talab biex ikun hemm aktar verifika fuq dan ir-rigward.

8.2 Il-Kunsillier Camilleri semma wkoll li huwa mhux qed jaqbel mal-pagament dovut lill-ELC peress li dawn m' għadhomx jagħtu s-servizz lill-Ħal Luqa. Is-Segretarju semma li dan il-pagament kien miżmum minn naħa tiegħu peress li dak iż-żmien il-Kunsill ma kienx sodisfatt bis-servizz. Huwa semma li xorta bħala issue dan kien baqa pending.

Ma kienx hemm items oħra fuq l-aġenda li kellhom jiġu diskussi, għalhekk din ġiet eżawrita. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar il-Erbgħa 22 ta' Jannar 2014 fis-7.15 pm. Ma kienx hemm data proposta għal laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ______________________ 2014.

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| John Schembri | Michael Portelli |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |